# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 5**

**Rikors numru 177/14 JRM**

**Elton Taliana**

**v.**

**Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali Dr. Emanuel Mallia, Inginier Keith Chetcuti bhala Segretarju u l-Imhallef Emeritus Dr. Franco Depasquale bhala c-Chairperson tal-Bord tal-Pulizja, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tas-27 ta' Novembru 2017 mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Marzu 2015 u tas-7 ta' Novembru 2017 moghtija fil-kawza fl-ismijiet

premessi, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza in parte tas-16 ta' Marzu 2015 billi thassarha u tirrevokaha fejn cahdet it-tielet eccezzjoni preliminari tal-appellati u tirriforma s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2017 billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet ir-raba' eccezzjoni preliminari tal-intimati, fejn sabet illi kemm il-Ministru u kemm il-Kummissarju tal-Pulizija appellanti huma legittimi kontraditturi, fejn sabet illi l-ghemil tal-Bord fl-istharrig tal-kaz kontra l-appellat ma jiswiex ghaliex imwettaq lil hinn mis-setghat moghtija lilu mil-ligi u liema ghemil huwa minghajr effett fil-ligi u hassret tali ghemil, u fejn ikkundannat lill-appellati jhallsu l-ispejjez tal-kawza, filwaqt li tikkonferma din is-sentenza fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

2. Rat ir-risposta tal-appellat tat-18 ta' Dicembru 2017 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tichad dan l-appell tal-intimati u tikkonferma z-zewg sentenzi appellati, bl-ispejjez kontra l-appellati.

3. Rat l-atti kollha tal-kawza;

4. Rat is-sentenza in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Marzu 2015;

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Novembru 2017;

**Ikkonsidrat**;

**I. L-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji:**

6. Illi peress illi dawn it-tliet aggravji jittrattaw materja pjuttost simili u konnessa, il-Qorti tqis illi jkun utli li jitqiesu flimkien.

7. Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellanti jargumentaw illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li kellha gurisdizzjoni sabiex tistharreg l-eghmil tal-Bord tal-Pulizija minkejja illi ma jwassalx ghal decizjoni. Huma jargumentaw illi skont il-gurisprudenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni biss sabiex taghmel stharrig gudizzjarju fir-rigward ta' organi gudizzjarji li ghandhom il-funzjoni li jaghtu decizjoni u mhux ta' organi li l-funzjoni taghhom hija biss dik li jhejju rapport li ma jkunx jorbot. L-appellanti jargumentaw illi l-appellat qieghed kjarament jattakka r-rapport maghmul mill-Bord tal-Pulizija li m'huwiex vinkolanti u ghalhekk min-natura tieghu ma jinkwadrax ruhu taht decizjoni li tista' tigi mistharrga gudizzjarjament abbazi tal-poter residwu li ghandha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili peress illi dan jahseb biss ghal stharrig ta' decizjonijiet li jorbtu.

8. Fit-tieni aggravju taghhom imbaghad jargumentaw illi peress illi l-azzjoni tal-appellat kienet mahsuba sabiex tattakka l-agir ta' Bord, l-istharrig gudizzjarju li seta' jsir ma kienx dak ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda biss taht il-poter residwu tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' liema jista' jigi mistharreg l-eghmil ta' organu gudizzjarju. Skont l-appellanti, galadarba t-talbiet kollha tal-appellat kienu jattakkaw ir-rapport tal-Bord u l-procedura adoperata minnu, l-ewwel Qorti marret lil hinn minn dak mitlub minnha fir-rikors promotur meta ddeċidiet din l-azzjoni fuq il-kejl mahsub fl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. It-tielet aggravju jitratta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju kienet proponibbli minkejja li l-Bord ma jaghtix decizjoni. L-appellanti jargumentaw illi l-analizi tal-ewwel Qorti kienet ċirkoskritta mir-rikors promotur fejn dak li ntalab l-istharrig tieghu kien essenzjalment ir-rapport tal-Bord u ghalhekk l-analizi tal-ewwel Qorti kellha tkun jekk tali rapport jistax jigi mistharreg gudizzjarjament. Skont l-appellanti l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi r-rapport tal-Bord tal-Pulizija jista' jigi mistharreg gudizzjarjament ghaliex bis-sahha tieghu inhargu akkuzi ta' natura dixxiplinari kontra l-appellat hija zbaljata ghaliex dan ir-rapport m'huwiex vinkolanti u ghalhekk bil-konkluzjoni taghha l-ewwel Qorti marret oltre minn dak li l-legislatur haseb ghalih f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju.

10. Minn naha tieghu l-appellat jirribatti illi dan l-argument huwa zbaljat u perikoluz ghad-demokrazija ghaliex kull bord amministrattiv, anke jekk mhux tribunal kontenzjuz, huwa suggett ghall-skrutinju gudizzjarju inkluz permezz tal-procedura stabbilita bid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa jsostni li r-rapport redatt mill-Bord tal-Pulizija ghandu konsegwenzi diretti u drastici fuqu li ghadhom in effett billi skattaw proceduri ta' tkeccija quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u pendenti dawn il-proceduri huwa m'huwiex qieghed jircievi increments u ma jistax imqar japplika ghall-promozzjonijiet. Jargumenta illi f'kawzi ohra, senjatament b'**Dr. T. Degaetano v. MEPA**, gie deciz illi anke mera indikazzjoni dwar x'sejra tkun il-pozizzjoni tal-awtorita` pubblika tammonta ghal decizjoni.

11. Huwa jsostni illi t-talbiet tieghu ma kellhom l-ebda restrizzjoni ta' perspettiva kif jissottomettu l-appellanti. L-appellat jargumenta illi l-istharrig gudizzjarju mitlub minnu kien ikopri l-eghmil illegali u abbuziv dwar il-mod kif inhatar il-Bord tal-Pulizija, dwar kif kien kompost, dwar kif dan il-Bord mexxa l-hidma tieghu u dwar ir-rapport mahrug mill-istess Bord, u ghalhekk huwa jsostni illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija korretta.

12. Rigward dawn il-punti, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi ssib li l-eċċezzjoni mhijiex tajba u tqis li għandha s-setgħa li tistħarreġ il-mod kif twaqqaf il-Bord u kif ukoll kif mexa b'riżultat ta' dik il-ħatra, u dan bla ma l-istess Bord għandu għalfejn ikun parti fil-kawża, kif tfisser aktar qabel f'din is-sentenza. Il-Qorti ma taqbilx mal-imħarrkin meta jgħidu li s-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju teżisti biss sakemm id-deċiżjoni impunjata minn min jintlaqat biha tkun deċiżjoni li dderimiet kwestjoni jew li tkun waħda li tista' tiġi eżegwita. Kemm taħt is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju in ġenerali u kif ukoll taħt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istħarriġ li tista' tintalab tagħmel din il-Qorti jgħodd għal kull deċiżjoni amministrattiva li b'xi mod tolqot liċ-ċittadin, kemm jekk tkun fis-sura ta' deċiżjoni li torbot, u kif ukoll jekk tkun fis-sura ta' rapport li fuqu l-awtorita' pubblika ssejjes id-deċiżjoni aħħarija tagħha. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, b'riħet l-imsemmi rapport, tnedew kontra l-attur proċeduri dixxiplinari interni bil-konsegwenzi kollha li dan inissel;[1]

"Il-Qorti tqis illi l-ewwel li għandha tistħarreġ hija rraba' eċċezzjoni li biha l-imħarrkin jgħidu li r-rapport tal-Bord ma jikkostitwix deċiżjoni, imma huwa biss rakkomandazzjoni, u m'għandu ebda rabta jew konsegwenza legali. Għaldaqstant l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju f'ċirkostanza bħal din ma tistax titressaq;

"Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhix tajba għar-raġunijiet li ġa tenniet fissentenza tagħha tas-16 ta' Marzu, 2015. Kemm taħt is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju in ġenerali u kif ukoll taħt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istħarriġ li tista' tintalab tagħmel din il-Qorti jgħodd għal kull deċiżjoni amministrattiva li b'xi mod tolqot liċ-ċittadin, kemm jekk tkun fis-sura ta' deċiżjoni li torbot, u kif ukoll jekk tkun fis-sura ta' rapport li fuqu l-awtorita' pubblika ssejjes id-deċiżjoni aħħarija tagħha, imqar jekk tali rapport ikun jikkostitwixxi l-motivazzjonijiet li fuqhom l-istess awtorita' pubblika mbagħad issejjes id-deċiżjonijiet tagħha. Illiġi ma tagħtix tifsira ta' x'tista' tkun 'deċiżjoni' għall-finijiet ta' x'jaqa' taħt ilkliem 'egħmil amministrattiv'. Jidher li, sakemm xi deċiżjoni ma tkunx biss komunikazzjoni ta' tagħrif, il-Qrati jistgħu jintalbu li jistħarrġuha fil-limiti ta' stħarriġ tas-siwi tagħha bla ma jindaħlu fil-mertu tagħha;

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, b'riħet l-imsemmi Rapport, ittieħdet deċiżjoni għaliex, skond ma irrakkomanda l-Bord, il-Kummissarju mħarrek nieda kontra l-attur proċeduri dixxiplinari dipartimentali (quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) bil-konsegwenzi kollha li dan inissel. Ma ntweriex li l-Kummissarju ħa l-imsemmija deċiżjoni lil hinn minn dak li kien irrakkomanda l-Bord jew mingħajr ma qies ir-Rapport;

[1] Sentenza in parte tas-16 ta' Marzu 2015.

"Illi fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni u għar-raġunijiet fuq mogħtija, il-Qorti sejra tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari bħala waħda li mhix mistħoqqa;[2]"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

13. Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva illi ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghodd ghal kull decizjoni amministrattiva li b'xi mod tolqot ic-cittadin, anke jekk tkun f'sura ta' rapport li fuqu l-awtorita` pubblika ssejjes id-decizjoni ahharija taghha. Il-pozizzjoni ta' dawn il-qrati fir-rigward tal-interpretazzjoni tat-terminu "decizjoni" fl-Artikolu 469A hija wahda cara u kostanti: hija biss decizjoni ahharija u li torbot li hija suggetta ghal stharrig gudizzjarju ai termini ta' dan l-artikolu.[3]

14. Illi f'dan il-kaz, il-Bord tal-Pulizija investiga l-ilment maghmul mill-Kummissarju tal-Pulizija rigward l-imgieba tal-appellat, u a bazi tal-investigazzjoni kondotta minnu irrediga rapport fejn irrakkomanda li ghandha titiehed azzjoni dixxiplinari fir-rigward tal-appellat. Wara l-hrug ta' dan ir-rapport, il-Kummissarju tal-Pulizija, permezz ta' ittra datata 1 ta' Ottubru 2013 (li qatt ma giet esebita f'dawn il-proceduri) istitwixxa

---

[2] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2017.

[3] Ara per ezempju: **Joseph Galea v. Kmandant tat-Task Force** (Appell Superjuri, 5/10/1998); **Jupiter Co Ltd et v. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar** (Appell Superjuri, 3/04/2009) **Supreme Travel Limited v. Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta** (PA, 18/012011); **Christine Borda v. Direttur tat-Taxxi Interni** (PA 26/11/2015); **John Grech et v. Kummissarju tat-Taxxi** (PA, 2/03/2016); **L-Avukat Dottor Alexander Schembri noe v. L-Agenzija Identita Malta** (PA, 12/12/2017).

proceduri dixxiplinari kontra l-appellat a bazi ta' erba' akkuzi, liema proceduri jistghu jwasslu ghat-tkeccija tal-appellat mis-servizz. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rapport innifsu tal-Bord tal-Pulizija m'huwiex sindakabbli minn din il-Qorti ghaliex jikkonsisti biss f'rakkomandazzjoni illi jittiehdu proceduri dixxiplinari fil-konfront tal-appellat, u ma ttiehdet l-ebda decizjoni finali, tant illi lanqas biss gie indikat ezattament x'tip ta' azzjoni dixxiplinari ghandha titiehed fil-konfront tieghu. Fil-fatt, decizjoni ahharja fuq din il-kwistjoni ghad m'hemmx sal-gurnata tal-llum. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel illi dan ir-rapport jirraprezenta decizjoni suggetta ghal stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. Illi pero` din il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellanti ma jistax jigi kompletament accettat. L-appellanti argumentaw illi fir-rikors guramentat tieghu l-appellat attakka biss ir-rapport tal-Bord tal-Pulizija u l-procedura adoperata minnu. Illi pero` minn qari akkurat tar-rikors guramentat tal-appellat jirrizulta illi dan manifestament m'huwiex minnu. Mill-premessi tar-rikors guramentat tal-appellat jirrizulta inekwivokabbilment illi parti mill-ilment tieghu jittrata l-fatt li, skont l-appellat, il-Bord tal-Pulizija ma kienx validament kostitwit meta beda jinvestiga l-ilment imressaq mill-Ministru kompetenti kontra tieghu. Ghalhekk dan certament imur lil hinn minn semplici lment rigward l-operat tal-Bord innifsu u r-rapport tieghu, ghaliex jattakka proprju l-hatra tal-Bord mill-awtorita` kompetenti.

16. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-parti tal-ilment tal-appellat tista' titqies li taqa' fil-parametri tal-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A ghaliex il-kostituzzjoni tal-Bord tal-Pulizija kienet decizjoni ezegwibbli tal-awtorita` kompetenti u ghalhekk hija suggetta ghal stharrig gudizzjarju. Huwa car illi fejn awtorita` pubblika ghandha l-poter illi tikkostitwixxi xi bord jew kumitat investigattiv, dan il-poter irid jigi ezercitat strettament fil-parametri tal-ligi, u huwa proprju l-ezercizzju ta' dan il-poter illi jista' jigi mistharreg mill-Qorti fil-kaz odjern. Il-procedura adoperata u l-konkluzjonijiet raggunti mill-Bord tal-Pulizija m'humiex sindakabbli mill-Qorti fil-kuntest ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A ghaliex, kif intqal fil-paragrafu 9 dan il-Bord ma ta l-ebda decizjoni ahharija. Pero`, il-hatra tal-istess bord mill-awtorita` pubblika hija difatti sindakabbli ghaliex f'pajjiz fejn tirrenja s-saltna tad-dritt il-Qrati ghandhom id-dover u l-poter illi jaccertaw ruhhom illi l-ezercizzju tal-poter moghti lil xi awtorita` pubbliku ikun sar entro l-limiti stabbiliti mil-ligi stess. Kif inghad fis-sentenza **Dr Emmanuel Borda v. Professur Roger Ellul-Micallef noe** (PA, 30/01/2003):

> "…sa minn għadd ta' snin ilu, l-Qrati tagħna iddeċidew li għandhom ġurisdizzjoni li jeżaminaw u jiddeċiedu jekk xi awtorita' kompetenti mxietx skond is-setgħat mogħtija lilha mil-liġi fit-twettiq ta' xi poter eżerċitat minnha.[4]"

[4] Hsieb simili gie espress fis-sentenza **Charles sive Carmelo Ellul Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana** (PA, 28/06/2002).

17. Dan ghaliex, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **S M Cables Limited v. Carmel Monaco** (PA, 14 Frar 2002):

> "fi stat ta' dritt, hadd mhu mehlus mir-rabta li jimxi kif tridu il-ligi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-ligi, huma l-Qrati li ghandhom is-setgha li jqisu l-ilment u li jaghtu r-rimedju, jekk ikun il-kaz."

18. Illi l-Qorti tqis ukoll f'dan ir-rigward illi meta qorti tissejjah sabiex taghmel stharrig gudizzjarju ta' xi ghemil tal-awtorita` pubbliku, l-eskluzjonijiet moghtija mil-ligi ghal gurisdizzjoni taghha ghandhom jinghataw interpretazzjoni dejqa u l-qorti m'ghandhiex facilment tiddeciedi illi ma tezercitax dawn is-setghat. Dan kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Camilleri v. Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati** (PA, 26/10/2010):

> "Billi din tal-lum hija azzjoni meqjusa bħala waħda ta' proċedura speċjali dwar stħarriġ tal-għamil tal-amministrazzjoni pubblika, jibda biex jingħad li s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għamil ta' xi awtorita' pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdien li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għamil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha."

19. Illi ghalhekk, ghalkemm din il-Qorti, a kuntrarju tal-ewwel Qorti, tqis illi l-procedura u l-konkluzjoni tal-Bord tal-Pulizija innifsha m'hijiex sindikabbli minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 469A ghar-ragunijiet imfissra, din il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-kostituzzjoni innifsha tal-istess

Bord, qua decizjoni tal-Ministru responsabbli, hija sindikabbli mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

20. Illi ghaldaqstant dawn l-aggravji qeghdin jigu milqugha in parte fejn jitrattaw dwar il-konkluzjonijiet tal-Bord tal-Pulizija, filwaqt illi qed jigu respinti sa fejn jitratta dwar il-hatra tal-istess Bord.

**II. Ir-raba' aggravju rigward jekk il-Ministru u l-Kummissarju appellanti humiex il-legittimi kontradittur f'dawn il-proceduri**

21. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti argumentaw illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Ministru u l-Kummissarju appellanti huma legittimi kuntradditturi f'dawn il-proceduri hija zbaljata ghaliex skont l-Artikolu 48(1) qabel l-emendi, il-membri tal-Bord tal-Pulizija jinhatru mill-Presidenti ta' Malta li jagixxi fuq parir tal-Prim'Ministru u ghalhekk la l-Ministru appellant u lanqas il-Kummissarju ma huma involuti fil-hatra. Huma jargumentaw illi dak kollu li jinsab fir-rikors guramentat tal-appellat jipponta lejn l-agir tal-Bord u ghal tali agir la ghandu jirrispondi l-Ministru u lanqas il-Kummissarju. Huma jsostnu illi l-Bord huma kompletament indipendenti mill-Korp tal-Pulizija u ghalhekk il-Kummissarju gie mharrek hazin.

22. Minn naha tieghu l-appellant irribatta illi l-argumenti tal-appellanti huma biss sofismi ghaliex jekk l-ewwel Qorti ssib illi l-hatra tal-membri tal-Bord tal-Pulizija, l-eghmil tal-istess Bord u r-rapport tas-26 ta' Awissu 2013 ma jiswewx, huma nulli u minghajr effett fil-ligi u hassrithom, il-kwistjoni rigward min hu l-legittimu kontradittur hija wahda akkademika u fil-prattika irrelevanti. Huwa jissottometti illi l-Ministru tal-Intern huwa l-legittimu kuntradittur ghaliex kien hu li propona l-membri sabiex jinhatru fuq il-Bord u kien hu wkoll illi ordna li ssir l-investigazzjoni in kwistjoni, filwaqt li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-legittimu kuntradditur peress illi beda procedura dixxiplinari li jistghu jwasslu ghat-tkeccija tal-appellat a bazi tar-rapport redatt mill-Bord tal-Pulizija.

23. Fuq dan il-punt, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi jrid jingħad li l-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum irid jitqies fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 164 kif kienu fis-seħħ fi żmien il-ġrajjiet rilevanti. Dik il-liġi llum m'għadhiex fis-seħħ għaliex minflokha ddaħħlet liġi oħra li, madankollu, fid-dispożizzjoni transitorja tagħha ħalliet bla mittiefes dak kollu li kien sar (jew naqas milli jsir) fiż-żmien li d-dispożizzjonijiet kienu għadhom ma tħassrux. Fost il-bidliet li saru kien hemm it-tneħħija tal-Bord u t-twaqqif minfloku tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija (li ħafna mis-setgħat li ngħata huma l-istess li kien igawdi l-Bord);
>
> "Illi l-Qorti qieset fit-tul dwar il-qagħda li tippreżenta ruħha f'dan il-każ, u sabet illi mid-dokumenti mressqa, il-Ministru mħarrek huwa mitlub iwieġeb kemm għax-xiljiet marbuta mal-ħatra tal-membri tal-Bord, kif ukoll għal aġir ta' xi uffiċjali li jaħdmu fid-dikasteru tiegħu matul iż-żmien li l-Bord kien qiegħed jiffunzjona sakemm ħareġ ir-Rapport mertu tal-każ. Il-Qorti qieset ukoll li d-difiża mressqa mill-għaref difensur tal-imħarrkin b'sostenn għal din l-eċċezzjoni tintrabat biss mal-aspett tal-ħatra tal-membri tal-Bord u ma tindirizzax l-ilmenti l-oħra tal-attur. L-ilmenti l-oħrajn tal-attur tabilfors jorbtu l-għemil tal-istess Ministru

mħarrek mat-talba (waħdanija) tiegħu għat-tħassir tal-operat kollu tal-Bord li wassal għall-ħruġ tar-Rapport. B'mod partikolari, il-Qorti tara li, bil-liġi, bosta mill-funzjonijiet li l-Bord irid jaqdi jorbtuh li jgħarraf lill-istess Ministru jew jimxi taħt id-direzzjoni ministerjali tiegħu, u, saħansitra, fejn jirrigwarda l-ħruġ ta' rapporti, il-liġi tagħmilha mandatorja li l-Bord jibgħathom lill-Ministru u wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija;

"Illi fir-rigward tal-Kummissarju mħarrek, mid-dokumenti mressqa jirriżulta li dan kien il-persuna li ħatar inkjesta interna u, minkejja li dik l-inkjesta ma kinitx tirrigwarda l-imġiba tal-attur (imma ta' kollegi oħrajn tiegħu), ħareġ akkużi kontra l-attur u nieda l-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

"Illi l-imħarrkin jilqgħu billi jistrieħu fuq ix-xhieda, li ħadd ma miera, talAssistent Kummissarju Mario Spiteri li minnha joħroġ li l-Bord huwa maqtugħ mill-Korp tal-Pulizija, li ebda membru fuq il-Bord ma jirrappreżenta lill-Kummissarju, u l-Kummissarju ma għandu ebda kompetenza fil-ħatra talmembri tal-istess Bord jew fuq kif il-Bord jimxi fl-istħarriġ li jintalab jagħmel;

"Illi minn qari u stħarriġ tal-ilmenti tal-attur lill-Qorti jirriżultalha illi t-talba attriċi hija indirizzata lejn l-aġir tal-Bord u mhux lejn dik tal-Kummissarju. Mid-dokumenti mressqa, jirriżultalha wkoll li l-Kummissarju mexa għal rasu mill-Bord u saħansittra ħatar inkesta interna barranija għall-istħarriġ li kien qiegħed jagħmel il-Bord. Ma jirriżultax li l-Kummissarju huwa wieħed mill-membri tal-Bord;

"Illi l-Qorti rat ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta li jittrattaw dwar it-twaqqif tal-Bord, id-deċizjonijiet meħuda minnu, u rrapporti li jkun ħejja, fost ħafna oħrajn. Tagħraf li l-ħatra tal-membri tal-Bord issir mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru, u mal-ebda persuna li tkun uffiċjal pubbliku jew membru jew uffiċjal ta' Korp imwaqqaf bil-liġi ma tista' tinħatar bħala membru tal-Bord. Meta jirriżulta li l-kwistjoni li jkollu quddiemu l-Bord tinvolvi proċedimenti ta' azzjoni kriminali, il-Bord għandu jirreferi r-riżultanzi tiegħu lill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Puliżija, u ta' kull kull sena, il-Bord jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu, fost l-oħrajn, lill-Kummissarju;

"Illi, minkejja dan, il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-Kummissarju mħarrek huwa hekk 'il barra mix-xena daqskemm jgħid. Mill-provi ħareġ li hija ħaġa normali u li ilha ssir is-snin li l-Kummissarju jirrelata mal-Bord u saħansitra jintalab ilfehma tiegħu fuq xi każijiet li jirrigwardaw ilmenti li jkunu tressqu kontra uffiċjali tal-Korp. Imma għal dak li jmiss il-każ speċifiku tallum, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni li l-istess Kummissarju mħarrek iniedi proċeduri dixxiplinari kontra l-attur ittieħdet u kienet influwenzata mir-Rapport. Ma setgħetx kienet influwenzata mir-rapport tal-bord ta' inkjesta interna li huwa waqqaf għaliex f'dak ir-rapport jingħad espressament li l-inkarigu tal-bord "kien wieħed limitat għall-

investigazzjoni, arrest, u l-akkuża taħt arrest quddiem il-Qorti fil-konfront ta' Darryl Luke Borg, u għaldaqstant ma kellux l-inkarigu li jidħol fil-mertu ta' investigazzjoni u akkuża fil-konfront ta' Rodrick Grech". Kien ir-Rapport talBord li stħarreġ l-imġiba tal-attur u kien dan ir-Rapport li irrakkomanda t-teħid ta' proċeduri dixxiplinari kontra l-attur. Huwa wkoll fattur rilevanti li, kronoloġikament, il-Kummissarju mħarrek waqqaf il-bord tal-inkjesta interna ġimgħa wara li l-Bord ħareġ ir-Rapport. Meta l-Kummissarju mħarrek mexxa lproċeduri dixxiplinari kontra l-attur kien jaf bir-Rapport;

"Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti tqis li l-Kummissarju mħarrek imissu jkun parti f'din il-kawża sakemm hija tistħarreġ l-ilment tal-attur. Għalhekk, l-eċċezzjoni tiegħu ma jmisshiex tintrabat biss mat-tħaddim litterali tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-Qorti tqis li l-Kummissarju mħarrek għandu l-interess ġuridiku bħala kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur;

"Illi fid-dawl ta' dawn is-sejbiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li, filwaqt li l-eċċezzjoni tal-president u tas-segretarju tal-Bord imħarrek hija tajba u sejra teħlishom milli jibqgħu fil-kawża, l-eċċezzjoni tal-Ministru u tal-Kummissarju mħarrkin mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

24. Illi l-Qorti taghraf li skont il-gurisprudenza ghandha ssir distinizzjoni bejn il-kwistjoni tar-responsabbilita` tal-parti u l-kwistjoni tal-legittimu kontradditur, u f'dan is-sens gie rrilevat illi:

"…biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

"Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif

lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi filmertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.

"Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.[5]"

25. Illi huwa pacifiku li l-interess li parti f'kawza ghandu jkollu huwa guridiku, b'mod illi l-attur ikun jista' jivvanta xi jedd fil-konfront tal-konvenut li mieghu ghandu jkollu relazzjoni guridika. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **John Baptist Chiappa et v. Joseph M. Formosa noe et** (Appell Superjuri, 06/062001):

"…dan ifisser illi tali interess seta', jekk jigi rejalizzat b'mod favorevoli fl-azzjoni kif proposta, jissarraf fi dritt fil-konfront tal-atturi li pproponew il-kawza. Ma kienx allura bizzejjed li tali interess ikun flezitu tal-kawza in kwantu dan seta' jizvantaggja jew jagevola lit-terz li jappella fit-terminu tal-Artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz taht ezami jidher li tali interess guridiku ma jirrizultax in kwantu l-appellanti ma setghet qatt tivvanta xi jedd fil-konfront tal-atturi li maghhom m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika."

26. Illi relevanti wkoll dak li ntqal mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (2003 numru 13091) fis-sens illi:

"l'interesse ad agire, necessario anche ai fini dell'impugnazione del provvedimento giudiziale, va apprezzata in relazione alla utilita` concreta derivabile alla parte dall'eventuale accoglimento del gravame e non puo consistere in un mero interesse astratto ad una piu` corretta soluzione di una questione giuridica, non aventi riflessi pratici sulla decisione adottata.[6]"

---

[5] **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** (Appell Superjuri, 05/10/2011).

[6] Referenza maghmula fis-sentenza **Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika noe et** (Appell Superjuri, 11/05/2010).

27. Illi l-Qorti tibda billi tirrileva illi minn qari tal-Att Dwar il-Pulizija (Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta) hekk kif kien vigenti fiz-zmien in kwistjoni ma kienx jipprovdi illi l-hatra tal-membri tal-Bord tal-Pulizija ssir mill-President fuq rakkomandazzjoni tal-Prim'Ministru kif qed jigi argumentat mill-appellanti. Kif jidher mill-Artikolu 48 (1) ta' din il-ligi, huwa car illi l-hatra tal-membri tal-Bord issir mill-President li jkun qed jagixxi fuq parir tal-Ministru responsabbli, li skont l-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu huwa definit bhala l-ministru responsabbli ghal pulizija. Fil-fatt, il-korrispondenza kollha mibghuta fir-rigward tar-rizenji u hatriet tal-membri tal-Bord intbghatet mill-Ministeru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali (fol. 201 – 221), filwaqt li l-minuti tal-laqghat tal-Bord jinsabu dokumentati kollha taht l-intestatura tal-istess ministeru (fol. 222 – 224). Dan jinsab ikkonfermat ukoll mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Mario Spiteri li ddikjara fir-rigward tal-hatra u tnehhija tal-membri tal-Bord tal-Pulizija illi "Huwa fuq parir tal-Ministru responsabbli mill-Intern u mis-Sigurta` Nazzjonali illi jaghti lill-President u ovvjament jinnomina l-membri, anke r-removal taghhom."

28. Illi inoltre, ghalkemm huwa minnu li l-kaz kien tressaq a konjizzjoni tal-Bord permezz ta' ittra mibghuta mill-Prim'Ministru, jirrizulta b'mod inekwivoku illi l-Prim'Ministru kien qed jagixxi mhux fil-vesti tieghu bhala Prim'Ministru izda fil-vesti tieghu bhala l-Ministru responsabbli mill-

Ministeru tas-Sigurta` u l-Intern. Dan jinsab konfermat mix-xhieda ta' Charles Vella, Director General Strategy and Support fl-MHAS illi xehed "Il-kaz tressaq il-bord permezz ta' ittra datata 9 ta' Awissu 2013 mibghuta mill-Prim'Ministru bhala Ministru responsabbli mill-Ministeru tas-Sigurta` u l-Intern" (fol. 233 dorso). Bl-istess mod, l-Imhallef Emeritus Dr. Franco Depasquale, li kien ic-Chairperson tal-Bord tal-Pulizija fil-kaz in kwistjoni, xehed illi l-procedura quddiem il-Bord li hija l-mertu ta' dan l-appell kienet "…rizultat ta' ittra li kien baghat il-Prim'Ministru ghan nom tal-Ministru tal-Intern, tal-Pulizija…" (fol. 241). Anke r-rapport tal-Bord tal-Pulizija tas-26 ta' Awissu 2013 jikkonferma illi l-kaz kien tressaq quddiemu mill-Ministru tas-Sigurta` u Intern u dan kif jidher mis-segwenti bran: "Dan il-kaz tressaq quddiem il-Bord permezz ta' ittra lilu mibghuta fid-9 ta' Awissu 2013 mill-Onorevoli Prim'Ministru bhala Ministru tas-Sigurta` u Intern, u dan a tenur tal-Artikolu 49 (1) tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta" (fol. 165).

29. B'danakollu pero` kif inghad fil-bidunett ta' dan l-aggravju, ghalkemm qed tigi konsidrata ir-responsabilta` o meno tal-Prim'Ministru bhala Ministru tal-Intern ta' dak iz-zmien, trid issir distinzjoni bejn ir-responsabilta` u r-rapprezentanza guridika f'azzjoni simili. L-Artikolu 181B hu car fejn in-natura tat-talba ma tistax tigi indirizzata kontra l-Gvern fil-vesti ta' kap ta' dipartiment, accountant general, segretarju permanenti ewlieni jew id-direttur tal-kuntratti, ir-rapprezentanza taqa' dejjem fuq l-Avukat tal-Istat.

30. Ghalhekk in kwantu din il-parti tal-aggravju l-appellanti ghandhom ragun u l-aggravju qed jintlaqa'.

31. Illi fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti zzid ukoll illi irrispettivament mill-kwistjoni tal-indipendenza tal-Bord tal-Pulizija mill-Korp tal-Pulizija, l-utilita finali tal-investigazzjoni li saret mill-Bord tal-Pulizija u r-rapport rizultanti hija fl-ahhar mill-ahhar ghal Kummissarju tal-Pulizija. Dan jidher mill-fatt illi mhux biss il-proceduri li jistghu jwasslu ghat tkeccija tal-appellat tnedew mill-Kummissarju tal-Pulizija izda jidher ukoll li kienu ibbazati u determinati mir-rapport tal-Bord tal-Pulizija. Hemm wkoll il-fatt illi l-proceduri dixxiplinari fil-konfront tal-appellat gew sospizi proprju sal-ezitu ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu interess dirett u personali f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant huwa gie wkoll korrettement intimat f'dawn il-proceduri.

32. Illi ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju qieghed jigi respint.

**III. Il-hames aggravju rigward il-konkluzjoni illi l-Bord wettaq il-funzjoni tieghu meta ma kienx kostitwit u li dak kollu li ghamel ma kellux effett.**

33. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta osservat li l-membri tal-Bord tal-Pulizija gew mahtura ufficjalment wara li l-hatra taghhom dehret fuq il-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Awissu 2013 ghaliex ma tatx id-dovut konsiderazzjoni li l-hatra ssir mill-President ta' Malta mhux permezz ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern. Huma jargumentaw illi dan l-avviz iservi biss bhala avviz lil pubbliku dwar tali hatra izda ma jikkostitwix il-hatra per se. Huma jargumentaw illi anke d-data tal-ittra li permezz taghha l-membri tal-Bord gew infurmati bil-hatra taghhom hija irrevelanti peress illi anke din m'hijiex id-data ta' meta giet approvata l-hatra taghhom mill-President ta' Malta, izda biss id-data ta' meta gew infurmati dwar il-hatra. Huma jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-Imhallef Emeritus li spjega li hu kien gie infurmat b'mod telefoniku meta saret il-hatra. L-appellanti ma jaqblux ukoll mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-membri tal-Bord precedenti kienu ghadhom membri fil-mument li ltaqa' l-Bord b'kompozizzjoni gdida, u argumentaw illi hekk kif dawn il-membri precedenti offrew ir-rizenja taghhom huma ma setghu qatt jikkomponu l-Bord sakemm ma kinux regghu gew appuntati mill-gdid ghaliex ir-rizenja ta' membru tal-Bord hija triq minghajr ritorn. L-appellanti jargumentaw ukoll illi anke jekk wiehed kellu jaqbel mal-konkluzjoni tal-Qorti illi l-hatra tal-membri tal-Bord saret fis-16 ta' Awissu 2013, dan ifisser li meta nstema` l-appellat u meta gie

redatt ir-Rapport il-Bord kien validament kostitwit u ghalhekk ma kien hemm l-ebda difett.

34. Illi minn naha tieghu l-appellat ma ressaq l-ebda argumenti dwar dan l-aggravju.

35. Illi l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Illi għal dak li jirrigwarda t-tempestivita' tal-ħatra tal-Bord, jirriżulta mill-provi mressqin mill-partijiet li fil-11 ta' Frar, 2012, il-Ministru responsabbli mill-Pulizija ta' dak iż-żmien għarraf lill-membri tal-Bord li reġgħu ġew maħtura bħala membri għal perjodu ta' sentejn, u dan sat-28 ta' Frar, 2014. Dakinhar, il-Bord kien magħmul mill-Imħallef Emeritu Franco Depasquale bħala predsident, Gemma Sirol, Paul Aġius, il-Prokuratur Legali Paul Saliba u Pio Scerri (li kien is-segretarju tal-Bord);
>
> "Illi mal-bdil tal-amministrazzjoni fil-Gvern wara l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Marzu tal-2013, permezz ta' ittra tat-12 ta' Marzu, 2013, mibgħuta lil kull wieħed u waħda mill-membri tal-Bord, huma ntalbu joffru r-riżenja tagħhom sa mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu u ġew mgħarrfa li din ir-riżenja kellha tiġi fis-seħħ jekk u kemm-il darba tiġi aċċettata mill-Ministru responsabbli millPulizija;
>
> "Illi l-Bord tlaqqa' fl-14 ta' Marzu, 201350, u l-president irriferihom għall-ittra elettronika li kienet intbagħtet dwar sa meta kellha tintbagħat l-offerta tarriżenja u li, sakemm tali riżenja tintlaqa' formalment mill-Ministru, il-Bord kif kompost kellu jibqa' jwettaq il-ħidma tiegħu;
>
> "Illi l-Ministru ma ikkomunika bl-ebda mod ma' xi wieħed jew waħda mill-membri tal-Bord li kien laqa' l-offerta tar-riżenja tagħhom, sa ma fit-28 ta' Awwissu, 2013, intbagħtitilhom ilkoll (għajr lill-president) ittra li kien tgħid li kien inħatar Bord ġdid u li l-offerta tagħhom ta' riżenja kienet intlaqgħet;
>
> "Illi l-Bord il-ġdid tlaqqa' għall-ewwel laqgħa tiegħu fl-10 ta' Awwissu, 2013, u dan sabiex jinvestiga b'urġenza l-kontenut tal-ittra mibgħuta mill-Prim Ministru dwar l-aġir tal-Pulizija fuq il-fatt li tressqu l-Qorti żewġ persuni fuq listess każ, meta wieħed minnhom biss seta' kien l-awtur tas-serqa li seħħet ġranet qabel;
>
> "Illi fis-16 ta' Awwissu, 2013, dehret in-notifikazzjoni uffiċjali (749) fil-Gażżetta tal-Gvern bit-tħabbira tal-Bord il-ġdid. Il-Bord kien magħmul

mill-Imħallef Emeritu Franco Depasquale, bħala president, mill-Inġinier Keith Chetcuti, Victor Gruppetta, l-Avukat Deandra Schembri u l-Avukat David Farruġia Sacco. Mill-avviż li deher fil-Gażżetta, il-ħatra tal-membri l-ġodda ġġib id-data tas-16 ta' Awwissu, 201353 u jidher li kienet għal żmien ta' sena u erba' xhur, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru, 2014, filwaqt li fl-ittra tal-20 ta' Awissu, 2013, l-membri l-ġodda ġew mgħarrfa li l-ħatra tagħhom kienet għal żmien ta' sentejn, sal-25 ta' Lulju, 2015;

"Illi l-attur jgħid li mill-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li ħareġ mill-provi mressqa, il-Bord fl-ebda waqt tal-ħidma tiegħu ma kien kostitwit sewwa kif titlob il-liġi. Minbarra li jisħaq li, fit-tmexxija tal-proċedura, l-istess Bord naqas milli jħares il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji li titlob l-istess liġi li taħtha huwa mwaqqaf, lattur iqis ukoll li kull ħidma li saret mil-Bord qabel is-16 ta' Awwissu, 2013, ma tiswiex għaliex tippreċedi l-ħatra uffiċjali tal-istess Bord;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li l-ħatra uffiċjali tal-Bord issir mill-President tar-Repubblika u mhux minn meta jidher l-avviż ta' tali ħatra filGażżetta tal-Gvern, u lanqas mid-data ta' ittra li tintbagħat lill-membri hekk maħtura biex tgħarrafhom bil-ħatra tagħhom. Huma jixlu lill-attur li naqas li jġib il-prova ta' meta l-President tar-Repubblika għamel tali ħatra;

"Illi l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel u fil-parametri ta' dak li jista' jsir f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju, huwa dwar il-kompożizzjoni tal-Bord fil-jiem jew ġimgħat rilevanti għall-każ. Ewlenija fosthom hija l-konsiderazzjoni dwar it-tmiem tal-ħatra tal-membri tal-Bord preċedenti u l-ħatra tal-membri tal-Bord il-ġdid. Dan qed jingħad għaliex kemm-il darba kellu jirriżulta illi l-Bord ma kellux is-setgħa li jinvestiga, ikun ifisser li kulma sar minnu huwa bla ebda siwi;

"Illi f'dan ir-rigward ingħad li "a tribunal may also lack jurisdiction if it is improperly constituted". F'każ bħal dan, il-Qrati għandhom is-setgħa li jistħarrġu s-siwi tal-ħidma ta' tribunali jew awtoritajiet amministrattivi jekk kemm-il darba jitqanqal id-dubju dwar ir-regolarita' tal-kompożizzjoni tagħhom jew tal-mod kif ikunu twaqqfu jew fejn ikun hemm xi element ta' skwalifika fir-rigward ta' xi membru maħtur biex jagħmel parti minn tali tribunal jew awtorita';

"Illi t-twaqqif tal-Bord kien regolat mill-artikolu 48 tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-artikolu kien jipprovdi li l-membri maħtura għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien sentejn mill-ewwel jum ta' Jannar tas-sena relattiva għallħatra tagħhom58 u kemm-il darba, matul is-sena, jkun hemm xi vakanza fil-Bord minħabba, fost oħrajn, xi riżenja, il-post tagħhom għandu jimtela minn ħatra ta' persuni oħra u jiġu hekk maħtura għal bqija taż-żmien ta' kariga tal-preċedessur tiegħu;

"Illi l-Qorti hi rinfaċċata bi tlett dati li possibilment jistgħu jissarfu fid-data talħatra tal-membri tal-Bord. Fis-16 ta' Awwissu, 2013, l-ismijiet tal-membri tal-Bord ġew mgħarrfa lill-pubbliku permezz ta' notifikazzjoni uffiċjali filħarġa ta' dakinhar tal-Gażżetta tal-Gvern. L-imħarrkin jgħidu li nnotifikazzjoni saret biss għal skop ta' informazzjoni, filwaqt illi l-attur jgħid li hija d-data li biha l-membri tal-Bord ġew maħtura uffiċjalment. Flimkien ma' dan, kien hemm l-ittra tal-20 ta' Awwissu, 2013, li biha l-membri tal-Bord ġew mgħarrfa mid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru konċernat bil-ħatra tagħhom. L-imħarrrkin jiskartaw din id-data u jistrieħu fuq ix-xhieda mogħtija mid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru konċernat li l-Bord ġie maħtur fil-25 ta' Lulju, 2013;

"Illi min-naħa l-oħra, il-Bord preċedenti kien maħtur għal żmien li kellu jagħlaq fit-28 ta' Frar, 2014. Minbarra li dak iż-żmien ma jħarisx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48(2) tal-Kap 164, inħalqet ċirkostanza partikolari f'Marzu tal-2013. Fit-12 ta' Marzu, 2013, il-membri tal-Bord (magħdud magħhom il-president tiegħu) intalbu joffru r-riżenja tagħhom. Jidher li lkoll għamlu hekk fl-14 ta' Marzu, 2013. Madankollu, dik tagħhom kienet biss offerta ta' riżenja u mhux riżenja effettiva. Kemm hu hekk, f'ittra elettronika li ntbagħtitilhom l-għada (bħalma jidher li ntbagħtet li kull min kien f'qagħda bħalha f'xi bord statutorju) ingħad b'mod ċar li r-riżenja kellha tkun effettiva biss ("only if and when") il- Ministru konċernat kien jgħarraf formalment li jkun laqagħha, għaliex jingħad ukoll li, sakemm tkun formalment milqugħa r-riżenja, il-Bord kellu jibqa' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu bħal qabel. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, minkejja li l-membri kollha tal-Bord kienu offrew ir-riżenja f'Marzu tal-2013, il-Bord ma kienx xolt u, għall-kuntrarju, kien mistenni li jibqa' għaddej bilħidma tiegħu. Din il-qagħda jidher li baqgħet hekk sal-10 ta' Awwissu, 2013, ukoll għaliex mill-provi mressqa ħareġ li bħala fatt il-Bord baqa' jitlaqqa`. Kemm hu hekk, jidher mill-provi dokumentali li bejn il-laqgħa tal-14 ta' Marzu, 2013 (li kienet iġġib in-numru 330) u l-laqgħa tas-16 ta' Awwissu, 2013 (li kienet iġġib in-numru 341)63 inżammu xejn anqas minn għaxar (10) laqgħat oħra tal-Bord "il-qadim";

"Illi l-Qorti ma nagħtat l-ebda tifsira u lanqas ma ntweriet xi prova dwar kif ġara li, fl-10 ta' Awwissu, 2013, meta tlaqqa' (b'urġenza) l-Bord għall-ewwel darba biex jieħu konjizzjoni tal-ittra mibgħuta mill-Prim Ministru, dawk li ltaqgħu (jiġifieri l-membri l-ġodda flimkien mal-president li kien hemm qabel) saru jafu bil-ħatra tagħhom fil-Bord (u min kien li sejħilhom biex jattendu għaliha), ladarba l-ewwel indikazzjoni uffiċjali dehret biss fil-ħarġa tal-Gazzetta talGvern tas-16 ta' Awwissu, 2013, u meta l-ittra tal-ħatra tagħhom intbagħtitilhom fl-20 ta' Awwissu. Sa dak inhar u sa minn tal-anqas tmintax-il jum wara, il-membri li kienu jagħmlu parti mill-Bord (il-qadim) lanqas kienu għadhom ġew mgħarrfa mill-Ministru li r-riżenja tagħhom kienet intlaqgħet. Iċ-Chairperson tal-Bord li reġa' kien konfermat fil-ħatra, xehed li hu kien mgħarraf b'telefonata li kien inħatar bord ġdid;

"Illi fi kliem l-attur, l-ittra tat-28 ta' Awwissu, 2013 għandha ssarraf bħala l-ittra ta' aċċettazzjoni tar-riżenja, filwaqt illi l-imħarrkin jilqgħu u jgħidu li l-ittra tat-28 ta' Awwissu, 2013, kellha effett retroattiv mid-data tal-ħatra tal-membri l-ġodda, jiġifieri dik tal-25 ta' Lulju, 2013;

"Illi l-Qorti tqis li dawn iċ-ċirkostanzi ħalqu qagħda anomala għall-aħħar għaliex, fil-fehma tagħha, f'waqt wieħed kien hemm żewġ bordijiet kostitwiti taħt l-istess liġi bl-istess setgħat. Għall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-għaref difensur tal-imħarrkin, dawn id-diskrepanzi mhumiex formalitajiet ta' ftit siwi: huma diskrepanzi li jqanqlu mistoqsijiet sostanzjali. Waħda minn dawn, u li hija ewlenija fil-każ imressaq mill-attur, hija għaliex il-każ tal-attur tressaq quddiem Bord u mhux quddiem l-ieħor li kien suppost għadu jiffunzjona;

"Illi wkoll kieku wieħed kellu jilqa' l-argument tal-imħarrkin li l-Bord il-ġdid inħatar b'seħħ mill-25 ta' Lulju, 2013, il-Bord ta' qabel seta' jiġi xolt biss ("only if and when" kien il-kliem użat fl-ittra mibgħuta f'isem l-istess Ministru minn ħadd anqas mid-Direttur Ġenerali fl-istess Ministeru) malli l-Ministru jikkomunika l-aċċettazzjoni tiegħu tal-offerta tar-riżenja tagħhom. Dan hu għamlu fit-28 ta' Awwissu, 2013, jiġifieri aktar minn xahar wara li kien allegatament inħatar il-Bord il-ġdid;

"Illi l-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dawn id-diskrepanzi għaliex, fl-ewwel lok, tkun qiegħda taċċetta li avviżi uffiċjali li l-Gvern joħroġ fil-Gażżetta Uffiċjali ma jkunu jiswew xejn, meta l-liġi nnifisha tgħid li l-atti pubbliċi maħruġin fil-Gażżetta tal-Gvern jikkostitwixxu prova ammissibbli bla ma jkunu jeħtieġu prova oħra. Ikun ifisser ukoll, fit-tieni lok, li taċċetta li bejn avviż uffiċjali u komunikazzjonijiet privati (ukoll jekk jintbagħtu minn Ministeru) jipprevalu dawn tal-aħħar, filwaqt li l-pubbliku jkun ingħata x'jifhem mod ieħor. Fit-tielet lok, għalkemm skond il-liġi rilevanti (Kap 164), is-siwi ta' ħatra fil-Bord mhijiex marbuta mal-pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern66, iċċirkostanzi tal-ittra tal-ħatra u t-tagħrif essenzjali l-ieħor irid jintrabat mattagħrif mogħti f'tali pubblikazzjoni. Fir-raba' lok, ma jirriżulta minn imkien li, uffiċjalment, il-President (fuq rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru) kien tassew ħatar il-Bord fil-25 ta' Awwissu, 2013. Tispikka wkoll b'mod li tolqot l-għajn kif, mill-ħames (5) notifikazzjonijiet uffiċjali li dehru fil-ħarġa tal-Gażżetta talGvern tas-16 ta' Awwissu, 2013, dwar ħatriet jew kostituzzjonijiet ta' bordijiet jew awtoritajiet pubbliċi statutorji oħra, dik relattiva għall-ħatra tal-Bord biss ma kenitx issemmi d-data minn meta kienu jseħħu l-ħatriet il-ġodda;

"Illi, b'żieda ma' dan kollu, il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-imħarrkin li bih jitfgħu fuq l-attur il-piż li jipprova d-data meta l-President tar-Repubblika ta l-ħatra lill-Bord. Il-Qorti tgħid li l-piż kien jaqa' fuq l-imħarrkin li jġibu din il-prova, ladarba qalu li wieħed għandu joqgħod fuqha u mhux fuq id-dati tannotifikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern jew tal-ittra individwali tal-ħatra mibgħuta lill-membri tal-Bord. Dan jingħad lil hinn mill-fatt li l-president tal-Bord xehed li hu kien mgħarraf (bit-tiġdid)

tal-ħatra tiegħu mill-Ministeru, u dan sar b'telefonata, u jgħid li qatt ma irċieva verżjoni miktuba;

"Illi minn dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti tasal għal fehma li ma tistax toqgħod fuq id-data tal-25 ta' Lulju, 2013, bħala d-data effettiva meta nħatar il-Bord. L-imħarrkin ma ressqu l-ebda dokument li juri li fil-fatt il-President ta' Malta ħatar lill-membri tal-Bord fil-25 ta' Lulju, 2013. L-imħarrkin kienu jafu li din hija kwestjoni imqajma mill-attur sa mill-bidunett tal-kawża u, minkejja dan, ma ressqux prova tanġibbli u affidabbli dwarha. L-argument tagħhom li d-data tal-ħatra kienet waħda retrospettiva ma tistax tintlaqa', bla ma fl-istess waqt ma tkunx qiegħda tammetti li, għal numru ta' ġimgħat, kien hemm żewġ entitajiet li jissejħu bl-istess isem u li jwettqu l-istess funzjonijiet statutorji (meta l-liġi dan ma kinitx tipprevedih). Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, id-data tal-ħatra tal-membri tal-Bord għandha tintrabat mad-data meta kull wieħed minnhom ġie mgħarraf bil-ħatra tiegħu, u li din il-ħatra ma titqiesx li bdiet isseħħ qabel ma ġie xolt formalment il-Bord ta' qablu;

"Illi hija tal-fehma tal-Qorti wkoll li l-Bord seta' jibda jwettaq il-ħatra tiegħu wara li tkun intlaqgħet kif imiss l-offerta tar-riżenja tal-membri tal-Bord ta' qablu, għaliex huwa biss f'dak il-waqt li l-Bord ta' qabel kien xolt u l-Bord ilġdid seta' "jibqa' f'dik il-kariga għall-bqija taż-żmien ta' kariga talpredeċessur tieghu". Kif ingħad qabel, kien biss fit-28 ta' Awwissu, 2013, li l-Ministru bagħat jgħarraf lill-membri tal-Bord ta' qabel li kien laqa' l-offerta tar-riżenja li kienu għamlulu fit-13 ta' Marzu, 2013;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-fehma li sat-28 ta' Awwissu, 2013, il-Bord li kien mogħni skond il-liġi bis-setgħa li jistħarreġ il-kontroversja mertu ta' dan il-każ kien il-Bord ta' qabel u mhux il-Bord il-ġdid. Dan ifisser li kull xogħol li sar mill-Bord qabel dik id-data kien ultra vires minn kull setgħa li tagħtih il-liġi;

"Illi dan ifisser ukoll li kull ħidma li l-Bord wettaq meta ma kienx mogħni bis-setgħat li tagħtih il-liġi jiġi li hija bla effett. Dan jgħodd ukoll għar-Rapport li huwa r-riżultat tal-ħidma mwettqa mill-Bord meta ma kienx kostitwit kif imiss bil-liġi u li nħareġ f'data meta ma kenitx għadha ntbagħtet lill-membri tal-Bord ta' qabel l-ittra li għarrfithom li kienet laqgħet l-offerta tar-riżenja tagħhom;

"Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-effett legali ta' din il-qagħda hi li kulma wettaq il-Bord qabel ma kien hekk kostitwit kif jixraq, ma jgħoddx u jmissu jitħassar bħallikieku ma sarx;"

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

36. Illi mill-provi jirrizulta illi l-Bord tal-Pulizija kien intalab jinvestiga l-kaz tal-appellat fid-9 ta' Awwissu 2013 u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-

Bord tal-Pulizija tas-26 ta' Awissu 2013 li jibda b'dan il-kliem: "Dan il-kaz tressaq quddiem il-Bord permezz ta' ittra lilu mibghuta fid-9 ta' Awissu 2013 mill-Onorevoli Prim'Ministru bhala Ministru tas-Sigurta` u Intern, u dan a tenur tal-Artikolu 49 (1) tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta" (fol. 165). Peress illi l-Bord kien intalab sabiex jittrata dan il-kaz b'urgenza, l-ewwel seduta dwar il-kaz inzammet mill-Bord fl-10 ta' Awissu 2013 (fol. 224).

37. Illi mill-provi jirrizulta wkoll illi l-ittri li ntbghatu lil membri tal-bord permezz ta' liema gew infurmati illi l-President ta' Malta kien approva l-hatra taghhom kienu datati 20 ta' Awissu 2013 (fol. 213 – 217). Id-data meta gie ppublikat l-avviz tal-hatra fil-Gazzetta tal-Gvern imbaghad kienet is-16 ta' Awissu 2013.

38. Illi l-appellanti jargumentaw illi d-dati tal-ittra mibghuta lil membri tal-Bord u d-data tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern m'humiex id-dati li fuqhom kellha tibbaza l-konkluzjoni taghha l-ewwel Qorti, ghaliex dawn huma d-dati tal-avvizi relattivi u mhux id-data tal-hatra innfisha. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti pero`, a bazi tal-provi li gew prezentati quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta illi l-konkluzjoni raggunta minnha fis-sentenza appellata hija korretta. Ghalkemm l-appellanti jargumentaw illi d-dati ta' dawn l-ittri u d-data tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern m'humiex relevanti ghaliex il-hatra kienet saret f'data precedenti, ma ressqu l-ebda provi quddiem il-Qorti rigward meta effettivament saret din il-hatra. Anke fix-

xhieda tal-Imhallef Emeritus Dr. Franco Depasquale li saret referenza ghaliha mill-appellanti, ma jirrizultax meta kien gie infurmat tramite telefonata li huwa kien qed jigi appuntat fuq il-Bord il-gdid.

39. Illi mbaghad fir-rigward tal-argument tal-appellanti illi l-offerta tar-rizenja tal-membri tal-Bord hija finali u dak il-membru ma jibqax parti mill-Bord hekk kif joffri r-rizenja tieghu, il-Qorti tqis illi mill-provi jirrizulta illi dan l-argument huwa manifestament infondat. Fl-ittra mibghuta fit-12 ta' Marzu 2013 lil membri tal-Bord ta' dak iz-zmien jinghad car u tond illi "Furthermore, offers of resignations become effective only if and when they are accepted by the Minister and in the circumstances, all Boards and Committees remain responsible for their functions until new Boards are appointed" (fol. 206 – 211). L-accettazzjoni tar-rizenji jidher illi kienet saret permezz ta' ittra datata 28 ta' Awissu 2013 (fol. 218 – 221).

40. Illi utli hawnhekk li ssir referenza ghal dak li gie deciz fis-sentenza **Joseph C. Agius v. Richard Galea Debono** (PA, 21/10/2002) fis-sens illi:

> "Issa huwa minnu illi in forza tal-principju tad-Dritt Ruman il-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah – incumbit probation ei qui dicit non ei qui negat. B'danakollu spiss jigri wkoll li waqt l-andament tal-kawza l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra. Dan jigri meta jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hi sostenuta (Vol XXXWII.i.577; XXXVII.ii.741)."

41. Illi din il-Qorti tqis illi gie stabbilit prima facie illi t-tezi tal-appellat kienet sostnuta. Mill-provi prodotti ma tirrizulta l-ebda data ohra qabel is-16 ta' Lulju ghar-rigward tal-hatra tal-membri tal-Bord, filwaqt illi lanqas ma tirrizulta data ohra qabel it-28 ta' Awissu 2013 rigward ir-rizenja effettiva tal-membri tal-Bord precedenti. Dan nonostante l-fatt illi l-kaz tal-appellat kien gie riferit lil Bord fid-9 ta' Awissu 2013 u beda jinstema' fl-10 ta' Awissu 2013. Anke jekk fl-ahjar ipotezi din il-Qorti kellha taccetta illi r-rizenja tal-membri tal-Bord precedenti hadet effett mal-hatra tal-membri l-godda, l-unika data li ghandha quddiem din il-Qorti fir-rigward ta' din il-hatra hija proprju s-16 ta' Awissu 2013, li xorta wahda ssostni t-tezi tal-appellat illi l-Bord kien ghadu kompost mill-membri precedenti meta beda jinstema' l-kaz tieghu. Minn naha taghhom l-appellanti ma ressqu l-ebda prova sabiex jirribattu dan u jressqu prova konvincenti illi r-rizenja tal-membri precedenti tal-Bord, u l-hatra tal-membri godda, saret f'data qabel ma bdew il-proceduri relattivi ghal kaz tal-appellat. L-argument taghhom huwa mibni biss fuq is-suppozizzjoni illi din il-hatra saret f'xi data qabel l-avvizi lil pubbliku u lil membru, pero` prova konkreta dwar meta effettivament saret din il-hatra ma hemmx fl-atti, u kif inhu risaput quod non est in actis non est in mundo. Filwaqt illi fir-rigward tar-rizenja tal-membri precedenti tal-Bord, il-provi li hemm fl-atti jikkontradicu dijametrikament l-argument tal-appellanti.

42. Illi fir-rigward tal-effett illi dawn in-nuqqasijiet ghandhom fuq l-eghmil tal-Bord, il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal dak li gie spjegat mill-awturi Leyland u Anthony fis-sens illi:

> "A procedural oversight may be of a minor nature only and thus be considered of limited importance. Setting aside a decision on this ground alone could well cause greater injustice than leaving the decision in place. Therefore, in dealing with alleged procedural impropriety, the courts will take particular account of the established rules of statutory interpretation, which require consideration of the overall aims and purposes of Parliament in enacting the legislation in question. Indeed, in Howard v Bodington, Lord Penzance stated that, 'in each case you must look to the subject-matter; consider the importance of the provision that has been disregarded and the relation of that provision to the general object intended to be secured by the Act'. This has been accepted as the test for when a court has to decide between what are often referred to as 'mandatory' and 'directory' requirements. At the same time, in assessing the importance of a procedural requirement, regard must be paid to basic principles of effectiveness and fairness. The question is: does the failure to follow the procedure result in serious injustice or prejudice to the complainant, or to the public interest? What are the consequences of noncompliance?[7]"

43. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-irregolarita fil-kostituzzjoni tal-Bord tal-Pulizija ma tista' bl-ebda mod titqies bhala ta' natura minuri jew ta' importanza limitata. Dan ghaliex a bazi tal-provi li jinstabu fl-atti l-ipotezijiet huma tnejn:

i. meta beda jinstema' l-kaz tal-appellat, il-Bord tal-Pulizija kien ghadu kompost mill-membri precedenti pendenti l-accettazzjoni tar-rizenja taghhom, u ghalhekk meta nstema' l-kaz, imqar parzjalment, kien

---

[7] P. Leyland u G. Anthony, *Textbook on Administrative Law* (OUP, 7th ed., 2013) 374.

il-Bord kif precedentement kompost li kellu s-setgha li jistharreg il-kaz tal-appellat, kif korrettement konkluz mill-ewwel Qorti;

ii. il-persuni li presedew fuq il-Bord, almenu ghal parti mill-kaz, ma kinux parti minn dak il-Bord ghaliex ma kinux ghadhom gew mahtura, u ghalhekk il-Bord kif kompost ma kellux is-setgha' li jisma' l-kaz.

44. Illi fi kliem iehor ghalhekk, m'hemm l-ebda ipotezi fejn jista' jigi konkluz illi l-Bord li lilu gie riferit il-kaz tal-appellat, u li fil-fatt beda jisimghu kellu s-setgha li effettivament jaccetta l-kaz u jisimghu. Illi din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti ghalhekk li b'rizultat ta' dan il-hidma mwettqa mill-Bord hekk kif kien kompost kienet ultra vires u kull haga li ghamel hija bla effett u ghandha tigi mhassra. Rigward l-argument tal-appellanti illi meta nstema` l-appellat innifsu u meta gie redatt ir-Rapport il-Bord kien korrettement kompost, din il-Qorti tirrileva illi d-difett procedurali serju fil-hatra tal-Bord kien jolqot l-operat tal-Bord mill-bidu nett u ma kienx sanabbli ghaliex ir-rapport li gie redatt mill-Bord kien in parti redatt fuq provi migbura fi zmien meta l-kaz kien qieghed jinstema` minn Bord li ma kellu l-ebda setgha fil-ligi sabiex jisimghu.

45. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' dan il-punt hija korretta u ghandha tigi konfermata. Ikkonsidrat dan, din il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda utilita illi jigu trattati l-bqija tal-aggravji tal-appellanti, galadarba gie kkonfermat illi l-eghmil tal-Bord kien

sa mill-bidu nett ultra vires minhabba n-nuqqas tal-Ministru appellant illi josserva l-procedura legali korretta fil-hatra tal-Bord.

**Decide**

46. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-intimati tas-27 ta' Novembru 2017 billi filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellanti unikament sa fejn jirrigwardaw ir-rapprezentanza tal-Ministru tal-Intern fil-kawza u l-procedura adoperata mill-Bord tal-Pulizija waqt is-smigh tal-kaz u r-rapport mhejji mill-istess Bord, tikkonferma s-sentenza appellata tas-16 ta' Marzu 2015 u tas-7 ta' Novembru 2017 sa fejn huwa kompatibbli ma' din is-sentenza, izda dan a bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula f'din is-sentenza.

L-ispejjez tal-prim'istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt illi l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jithallsu in kwantu ghal 10% mill-appellat u in kwantu ghal 90% mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm